

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2015 – Deutsche Börse vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-175/12) <sup>(1)</sup>

**(“Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Settur tal-instrumenti finanzjarji — Swieq Ewropej marbuta ma' prodotti derivati — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern — Evalwazzjoni tal-effetti tat-tranżazzjoni fuq il-kompetizzjoni — Żieda fl-effiċjenza — Impenji”)**

(2015/C 171/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Deutsche Börse AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Zschocke, J. Beninca u T. Schwarze, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Christoforou, V. Bottka, N. Khan u B. Mongin, aġenti)

**Parti konvenuti in sostenn tal-konvenuta:** Icap Securities Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: C. T. Riis-Madsen, avukat, u S. Stephanou, solicitor)

### Suġġett

L-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012)440, tal-1 ta' Frar 2012, li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim ŻEE (Każ COMP/M.6166 – Deutsche Börse/NYSE Euronext).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Deutsche Börse AG għandha tbat i-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Icap Securities Ltd.

<sup>(1)</sup> ĠU C 174, 16.6.2012.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Marzu 2015 – Mammoet Salvage vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-234/14) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni u għad-danni — Responsabbiltà kuntrattwali — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Eċċezzjoni tal-inammissibbiltà — Tmien Fond Ewropew għall-Iżvilupp — Xogħlijiet ta' tneħħija ta' 74 tifrik fil-bajja ta' Nouadhibou — Kuntratt konkluż bejn ir-rikorrenti u l-Mawritanja u li l-Kummissjoni ħadet ir-responsabbiltà għall-finanzjament tiegħu mill-Unjoni — Eżekuzzjoni tal-kuntratt — Posponiment tad-data tat-tmien tal-obbligi ta' ħlas tal-Unjoni skont il-kuntratt — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)**

(2015/C 171/29)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Mammoet Salvage BV (Rotterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: P. Kuypers u A. Schadd, avukati)